



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0113 (COD)

13531/1/21
REV 1

TRANS 648
CODEC 1415
PARLNAT 237

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li tiġi adottata DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq
- Adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2021

DIRETTIVA (UE).../...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

li temenda d-Direttiva 2006/1/KE
dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 129, 11.4.2018, p. 71.

² ĠU C 176, 23.5.2018, p. 57.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2019 (ĠU C 411, 27.11.2020, p. 258) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-20 ta' Diċembru 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... [(ĠU ...)/(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)].

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tipprevedi livell minimu ta' ftuħ tas-suq fir-rigward tal-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport tal-merkanzija bit-triq.
- (2) L-użu ta' vetturi mikrija jista' jnaqqas l-ispejjeż ta' impriżi li jittrasportaw merkanzija f'isimhom jew f'isem ħaddieħor, u fl-istess ħin jista' jżid il-flessibbiltà operattiva tagħhom. Għalhekk, dan jista' jikkontribwixxi għal żieda fil-produttività u l-kompetittività tal-impriżi kkonċernati. Barra minn hekk, peress li hemm it-tendenza li l-vetturi mikrija jkunu aktar ġodda mill-flotta medja, dawn ukoll ikunu aktar sikuri u jniġġsu inqas bħala medja.
- (3) Id-Direttiva 2006/1/KE ma tippermettix li l-impriżi jibbenefikaw bis-sħiħ mill-vantaġġi li jġib miegħu l-użu ta' vetturi mikrija. Id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jirrestrinġu l-użu mill-impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom ta' vetturi mikrija b'piż mgħobbi permissibbli totali ta' aktar minn sitt tunnelli għal operazzjonijiet tat-trasport f'isimhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri mhumieq meħtieġa jippermettu l-użu ta' vettura mikrija fuq it-territorji rispettivi tagħhom jekk il-vettura tkun ġiet irreġistrata jew tkun iddaħħlet fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri l-vettura.

¹ Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

- (4) Sabiex l-impriża jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod aħjar mill-vantaġġi tal-użu ta' vetturi mikrija, jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jużaw vetturi mikrija fi kwalunkwe Stat Membru, u mhux biss fl-Istat Membru li fih ġew stabbiliti. Tali possibbiltà tkun, b'mod partikolari, tagħmilha aktar faċli għalihom biex ilaħħqu maż-żieda fid-domanda temporanja jew staġjonali, tul perijodu qasir, jew biex jissostitwixxu vetturi difettużi jew bil-ħsara, filwaqt li jiżguraw konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza meħtieġa u jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għas-sewwieqa.
- (5) Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jirrestrinġu l-użu fit-territorji rispettivi tagħhom ta' vettura mikrija minn impriża stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jekk il-vettura tkun ġiet irreġistrata jew tqiegħdet fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet, ir-rekwiżiti tas-sikurezza u l-istandards obbligatorji l-oħra applikabbli ta' Stat Membru u, jekk tkun vettura li teħtieġ kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja tal-Komunità skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jekk tkun ġiet awtorizzata li tintuża mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża permezz ta' tali kopja awtentika ċċertifikata.
- (6) Sabiex tiġi ssimplifikata l-provvista ta' evidenza rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikonoxxu wkoll id-dokumenti f'forma elettronika bħala mezz kif tintwera l-konformità mad-Direttiva 2006/1/KE.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

- (7) Il-livell ta' tassazzjoni fuq it-trasport bit-triq għadu jvarja b'mod konsiderevoli fl-Unjoni. Għaldaqstant, ċerti restrizzjonijiet, li jaffettwaw ukoll b'mod indirett il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-kiri ta' vetturi, jibqgħu ġustifikati sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fiskali. Bħala riżultat ta' dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jillimitaw it-tul ta' żmien li fih l-impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom jistgħu jużaw vettura mikrija rreġistrata jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni fi Stat Membru ieħor. Peress li din id-Direttiva ma tarmonizzax it-tassazzjoni nazzjonali fuq il-vetturi u r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi huma marbuta mat-tassazzjoni fuq il-vetturi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jitolbu r-reġistrazzjoni tal-vettura mikrija, dment li l-vettura titħalla tiċċirkola għal mill-inqas 30 jum qabel tali rekwiżit isir applikabbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jillimitaw l-għadd ta' tali vetturi li jkunu qegħdin jinkrew minn impriża stabbilita fit-territorji rispettivi tagħhom. Jenħtieġ li dak il-limitu ma jkunx inqas minn ċertu sehem tal-għadd ta' vetturi għad-dispożizzjoni tal-impriża, kkalkulat mingħajr ma jiġu mgħadda vetturi mikrija fi Stat Membru ieħor u mhux irreġistrati fl-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża.

- (8) Sabiex jitlejeb l-infurzar minn Stat Membru tar-restrizzjonijiet fuq l-użu minn impriża stabbilita fit-territorju tiegħu ta' vetturi mikrija li huma rreġistrati jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni f'konformità mal-liġijiet ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża jenħtieġ li jitħalla jitlob li t-tul tal-kuntratt tal-kiri ma jaqbiżx it-tul taż-żmien permess għall-użu tal-vettura kkonċernata. Huwa possibbli li tiġi limitata l-validità tal-kopji awtentiċi ċċertifikati tal-liċenzja tal-Komunità maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 għall-perijodu li jikkorrispondi mat-tul tal-kuntratt tal-kiri. Huwa possibbli wkoll li jiġi indikat in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura mikrija fuq dawk il-kopji awtentiċi ċċertifikati.

- (9) Jenħtieġ li ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi mikrija ma tkunx ta' xkiel għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-legalità tal-operazzjonijiet ta' trasport li jsiru mill-impriżi fi Stati Membri għajr l-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, ir-reġistri elettroniċi nazzjonali jrid ikun fihom in-numri tar-reġistrazzjoni tal-vetturi għad-dispożizzjoni ta' impriża tat-trasport. Dak jenħtieġ li jinkludi wkoll kwalunkwe vettura mikrija fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża. Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jipprevedi wkoll l-aċċessibbiltà għad-data li tinsab fir-reġistri nazzjonali elettroniċi mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra. Jenħtieġ li r-reġistri nazzjonali elettroniċi jippermettu tfittxija mmirata fir-rigward tal-vetturi b'numru ta' reġistrazzjoni maħruġa minn Stati Membri għajr l-Istat Membru ta' stabbiliment.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

- (10) Sabiex tiġi żgurata l-konformità uniformi mal-obbligu li jiddaħħal in-numru tar-reġistrazzjoni ta' vettura mikrija użata minn impriża li tkun involuta fit-trasport tal-merkanzija bit-triq fisem ħaddieħor fir-reġistri elettroniċi nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mar-rekwiżiti minimi għad-data li għandha tiddaħħal fir-reġistri elettroniċi nazzjonali. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (11) Sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport fisimhom jitwettqu b'mod aktar effiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jitħallewx jirrestrinġu l-possibbiltà li vetturi mikrija jintużaw għal operazzjonijiet ta' dan it-tip. Madankollu, biex jiġu evitati kwistjonijiet fiskali potenzjali, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà li jiġi ristrett l-użu ta' vetturi mikrija minn impriżi għal operazzjonijiet tat-trasport f'isimhom għal vetturi rreġistrati barra mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża li tużahom.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (12) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni u l-effetti tad-Direttiva 2006/1/KE u tħejji rapport mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dak ir-rapport iqis b'mod xieraq l-impatt ta' din id-Direttiva fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-ambjent b'referenza għal bidliet fl-età u fil-kompożizzjoni tat-tip tal-flotot tal-vetturi, u fuq id-dħul mit-taxxa, b'attenzjoni partikolari għall-ġustifikazzjoni tar-restrizzjonijiet previsti f'din id-Direttiva. Jenħtieġ ukoll li r-rapport jivvaluta jekk l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ħolqotx diffikultajiet b'rabta mal-infurzar, inkluż l-infurzar tar-regoli dwar il-kabotaġġ. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-bżonn ta' azzjoni futura f'dak il-qasam fid-dawl ta' dak ir-rapport.
- (13) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba n-natura transfruntiera tat-trasport bit-triq u l-kwistjonijiet li din id-Direttiva ġiet maħsuba biex tindirizza, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (14) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2006/1/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2006/1/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jippermetti li fit-territorju tiegħu jintużaw vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor dment li:";

(ii) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-vettura tkun irreġistrata jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru u, jekk ikun applikabbli, użata skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009* u (KE) Nru 1072/2009** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

* Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

** Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).”;

(b) fil-paragrafu 2, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Għandha tingħata prova tal-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, punti (a) sa (d), permezz tal-preżentazzjoni tad-dokumenti li ġejjin f'forma stampata jew elettronika, li għandhom ikunu abbord il-vettura:";

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom ikunu jistgħu jużaw vetturi mikrija għat-trasport tal-merkanzija bit-triq taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għall-vetturi li jkunu proprjetà tagħhom, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2.
2. Meta vettura mikrija tkun irreġistrata jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża tat-trasport bit-triq jista':
 - (a) jillimita ż-żmien tal-użu tal-vettura mikrija fit-territorju tiegħu dment li l-użu tal-vettura mikrija mill-istess impriża tat-trasport bit-triq ikun permess għal perijodu ta' mill-inqas xahrejn konsekuttivi fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari; f'dak il-każ l-Istat Membru jista' jirrikjedi li l-kuntratt tal-kiri ma jdumx aktar mil-limitu ta' żmien stabbilit minn dak l-Istat Membru;
 - (b) jirrikjedi li l-vettura mikrija tiġi rreġistrata skont ir-regoli nazzjonali tar-reġistrazzjoni tiegħu wara perijodu ta' mhux inqas minn 30 jum; f'dak il-każ l-Istat Membru jista' jirrikjedi li l-kuntratt tal-kiri ma jdumx aktar mill-perijodu ta' ċirkolazzjoni qabel ir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni;

- (c) jillimita l-għadd ta' vetturi mikrija li jistgħu jintużaw minn impriża dment li l-għadd minimu ta' vetturi permess għandu jkun tal-inqas 25 % tal-flotta tal-vetturi tal-merkanzija għad-dispożizzjoni tal-impriża skont l-Artikolu 5(1), punt (g), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel l-użu tal-vettura mikrija jew inkella fil-jum meta l-impriża tibda tuża l-vettura mikrija, kif determinat mill-Istat Membru; Madankollu, fil-każ ta' impriża li jkollha flotta ġenerali ta' aktar minn vettura waħda u inqas minn erba' vetturi, għandu jkun permess l-użu ta' mill-inqas waħda minn tali vetturi; l-għadd minimu skont dan il-punt jirreferi għall-flotta tal-vetturi tal-merkanzija għad-dispożizzjoni tal-impriża abbażi tal-vetturi rreġistrati jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni f'konformità mal-liġijiet ta' dak l-Istat Membru;
- (d) jillimita l-użu ta' tali vetturi għal operazzjonijiet ta' trasport f'isem l-impriża li tużahom.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 3a

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li n-numru tar-reġistrazzjoni ta' vettura mikrija użata minn impriża li tkun involuta fit-trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem ħaddieħor jiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib u għandhom jipprovdu lil xulxin mingħajr dewmien b'assistenza reċiproka u bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti sabiex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva. Għal dak il-għan, kull Stat Membru għandu jinnomina punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra.
3. L-iskambju tal-informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jseħħ permezz tar-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU) kif speċifikat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480*.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu tintuża biss fir-rigward tal-kwistjonijiet li għalihom tkun intalbet. Kwalunkwe pproċessar tad-data personali għandu jsir biss għall-finijiet ta' konformità ma' din id-Direttiva u għandu jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.
5. Il-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka u l-assistenza reċiproka għandhom jingħataw mingħajr ħlas.
6. Talba għall-informazzjoni ma għandhiex tipprekludi lill-awtoritajiet kompetenti milli jieħdu miżuri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali rilevanti biex jinvestigaw u jipprevjenu ksur allegat tar-regoli li jirriżultaw mit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-ipproċessar tad-data msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jikkonforma mar-rekwiżiti għall-informazzjoni msemmijin fl-Artikolu 16(2), punt (g), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 kif speċifikat fl-Artikolu 16(2), it-tielet u l-ħames subparagrafi, u fl-Artikolu 16(3) u (4) ta' dak ir-Regolament.
8. Mhux aktar tard minn 14-il xahar wara l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi formula komuni għall-kejl tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{***}, il-Kummissjoni għandha tadotta, atti ta' implimentazzjoni, li jstipulaw ir-rekwiżiti minimi li jikkonċernaw id-data li għandha tiddaħħal fir-reġistri elettroniċi nazzjonali sabiex tkun tista' ssir l-interkonnnessjoni tar-reġistri, u tispeċifika l-funzjonalitajiet neċessarji sabiex dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti waqt il-kontrolli mal-ġenb tat-triq. Dawk ir-rekwiżiti minimi u l-funzjonalitajiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-funzjonalitajiet stabbiliti skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 5b(2), ta' din id-Direttiva.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data msemmija fil-paragrafu 1 tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti waqt il-kontrolli mal-ġenb tat-triq.

-
- * Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 tal-1 ta' April 2016 li jstabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010 (ĠU L 87, 2.4.2016, p. 4).
- ** Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).
- *** Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 u d-Direttiva 2002/15/KE fir-rigward tal-leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35).";

(4) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 5a

Sa ... [erba' snin wara d-data msemija fl-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-użu tal-vetturi mikrija fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri l-vettura. Ir-rapport għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-impatt fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-ambjent, fuq id-dħul mit-taxxa u fuq l-infurzar tar-regoli dwar il-kabotaġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta huwiex meħtieġ li jiġu proposti miżuri addizzjonali.

Artikolu 5b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

-
- * Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).
 - ** Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva sa ...[14-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw daww il-miżuri, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
